

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 560/2007****tat-23 ta' Mejju 2007**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 li jippreskrivi regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar il-kummerċ ma' terzi pajjiżi ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 63(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 63(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, safejn ikun meħtieġ' biex il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu esportati abbażi tal-prezzijiet ta' daww il-prodotti fis-suq dinji u fil-limiti tal-Ftehimiet konklużi f'konformità ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat, id-differenza bejn daww il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità tista' tiġi koperta minn rifużjoni ta' l-esportazzjoni.
- (2) Jistgħu jiġu stabbiliti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni biex ikopru d-differenza bejn l-esportazzjonijiet tal-Komunità u daww ta' pajjiżi terzi. L-esportazzjonijiet tal-Komunità lejn ċerti destinazzjonijiet fil-qrib u lejn pajjiżi terzi li

jagħtu trattament preferenzjali ta' l-importazzjoni fuq prodotti tal-Komunità, preżentament huma f'pożizzjoni kompetittiva partikulari u favorevoli. Għalhekk, ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni lejn daww id-destinazzjonijiet għandhom jitneħħew.

- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 <sup>(2)</sup> għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 883/2001 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 128, 10.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2016/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 38).

## ANNEX

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 883/2001, it-test taħt l-intestaturi 'żona 3' u 'żona 4' jinbidel b'dan li ġej:

**'Żona 3: l-Ewropa tal-lvant u l-pajjiżi tal-Komunità ta' Stati Indipendenti**

L-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Ġorġja, il-Każakistan, il-Kirgistan, il-Moldova, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Ukraina, l-Użbekistan.

**Żona 4: l-Ewropa tal-punent**

L-Iżlanda, in-Norveġja'

---